# F'EGĦLUQ IL-MITT SENA MIT-TWELID TA' L-ISQOF MONS. ĠUŻEPPI PACE S.Th.D., Ph.D., J.C.D. (1890 — 1990)



***mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap***

**Mit-Twelid sa meta ġie ordnat Saċerdot**

Ġrajja sabiħa għall-istorja tad-Djoċesi ta' Għawdex hija dik ta' għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace (1890-1990). Dan il-Prelat jixraqlu li jiġi mfakkar, l-ewwel bħala Għawdxi u t-tieni bħala iben il-Belt Victoria. L-Isqof Mons. Ġużeppi Pace twieled fir-Rabat ta' Għawdex fit-30 ta' Mejju 1890. Ġie mgħammed fl-1 ta' Ġunju 1890 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Arċipriet Feliċ Refalo. Huwa iben Ġann Battista u Ċeċilja Pace. Il-Parrinijiet kienu Ġanni Cilia iben il-mejjet Ġużeppi u martu Annunzjata.

Missier l-Isqof Ġużeppi Pace, is-surmast prinċipali ta' l-iskola Elementari tal-Gvern fil-Belt Victoria, kien ukoll surmast ta' l-ilsien Ingliż fl-iskola Sekondarja.

Minn ċkunitu kellu l-ħajra li jsir qassis, hekk li kien abbati fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Meta laħaq qassis kien imniżżel mal-kleru tal-Parroċċa Veneranda ta' San Ġorġ Martri.

L-ewwel studju tiegħu, l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace, bdieh fl-iskola Primarja tar-Rabat ta' Għawdex. Wara għadda għall-istudju fl-iskola Sekondarja, u wara għadda għas-Seminarju tagħna. Fis-sena 1906 l-istudent Ġużeppi Pace għadda mill-matrikola ta' Malta.[2]

Fis-Seminarju ta' Għawdex kien għamel l-ewwel sena studju fil-Filosofija fis-sena 1906. It-tieni sena filosofika kien għamilha fl-1907 fis-Seminarju ta' Malta. Wara, telaq biex ikompli l-istudji tiegħu f'Ruma fil-kulleġġ Capranica. Mill-kulleġġ Capranica kiseb il-



Il-Komunita' Parrokkjali
tal-Bażilika San Ġorġ Martri
tfakkar lill-
**ECC. TIEGHU MONS. GUZEPPI PACE**
Isqof t'Għawdex.
4 - 5 - 1972

**DATI TA' MIN JIFTAKARHOM**

| | |
|---|---|
| 1 - 6 - 1890 | Tgħammed f'din il-Knisja Parrokkjali. |
| 10 - 8 - 1913 | Jagħmel l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu f'dan it-Tempju. |
| 1 - 11 - 1944 | Isir Isqof t'Għawdex u jibda t-tradizzjoni tal-Festi Pontifikali f'Jum San Ġorġ M |
| 7 - 6 - 1955 | Jikseb is-Separazzjoni ta' din il-Parrocca minn dik tal-Kattidral. |
| 6 - 9 - 1958 | Jgħolli din il-Knisja Parrokkjali għad-dinjita' ta' Bażilika. |
| 3 - 4 - 1972 | Il-kadavru tiegħu espost f'din il-Bażilika għall-funzjoni funebri u għall-qima tal-poplu |

*Santa kommemorattiva li tqassmet mill-Parroċċa ta' San Ġorġ fl-4 ta' Mejju 1972, biex tfakkar egħluq ix-xahar mill-mewt tal-Isqof Giuseppi Pace.*

lawrja fil-Filosofija, Ph.D. Wara kiseb il-lawrja fit-Teoloġija mill-Università Gregorjana, D.D. Mill-Università tal-Lateran kiseb il-lawrja fid-Drittu Kanoniku, J.C.D.[3]

Wara l-ordinazzjoni tad-djakonat, Ġużeppi Pace kien ġie ordnat qassis mill-Arċisqof ta' Malta Pietru Pace (1889-1914) fit-3 ta' Awissu 1913 fil-kappella ta' l-Istitut ta' Fra Diegu fil-Hamrun Malta. Kien għamel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fl-10 ta' Awissu ta' dik is-sena. Kien għamillu d-diskors taċ-ċirkustanza Dun Anton Grima li wara kien laħaq Arċipriet tax-Xewkija (1920-1947). Il-parrinijiet kienu l-Kan. Kappillan Dun Ġorġ Farrugia u zijuh Dr. Achille Pace LL.D.[4]

**Magħżul Kanonku Lettur tal-Katidral.**

Fit-8 ta' Mejju tal-1916 Dun Ġużepp Pace kien ġie magħżul mis-Santa Sede bħala kanoniku Lettur tal-Katidral ta' Għawdex. Kien ħa l-pussess fis-17 ta' Settembru ta sid is-sena minn idejn il-Vigarju Ġenerali tad-djoċesi Mons. Isqof Mikiel Gonzi (1924-1943) fit-18 ta' Lulju 1924 għażlu bħala Segretarju tiegħu u f'din l-istess sena għażlu bħala Rettur tas-Seminarju u Professur tat-Teoloġija Dommatika, ta' l-Iskrittura Mqaddsa u ta' l-Istorja tal-Knisja. Mons. Ġużeppi Pace kien dam Rettur tas-Seminarju sas-sena 1958 is-sena li fiha kien ordnat qassis min qiegħed jikteb dan it-tagħrif bijografiku fuq Mons. Isqof Ġużeppi Pace.[5]

**Ħatriet oħra lill-Mons. Ġużeppi Pace**

Fis-7 ta' Awissu 1928 is-Santa Sede għażlet lill-Mons. Ġużeppi Pace bħala Arċidjaknu tal-Katidral ta' Għawdex. Mons. Arċidjaknu Ġużeppi Pace kien ħa l-pussess lejlet il-festa ta' Santa Marija ta' dik is-sena. Magħruf għall-ħidma tiegħu fuq talba ta' l-Isqof Mons. Mikiel Gonzi, Mons. Arċidjaknu Ġużeppi Pace ġie magħżul bħala Prelat Domestiku tal-Papa. Fis-sena 1943 Mons. Arċidjaknu Ġużeppi Pace ġie magħżul bħala Vigarju Ġenerali tad-djoċesi ta' Għawdex meta Mons. Isqof Mikiel Gonzi ġie magħżul bħala Isqof Kuġitur ta' l-Arċisqof ta' Malta Mons. Mawru Caruana O.S.B.[6]

**L-Arċidjaknu Mons. Ġużeppi Pace maħtur Isqof ta' Għawdex.**

F'ċirkulari tal-11 ta' Novembru 1944 (Nru. 200) maħruġa mill-Palazz Arċiveskovili ta' Malta naqraw: "Għandna l-pjaċir ngħarrfukom li l-Qdusija Tiegħu l-Papa, għoġbu jagħtikom bħala Isqof tagħkom lill-Ill.mu. u Rev.mu. Mons. Arċidjaknu Ġużeppi Pace D.D., Ph.D., J.C.D. Prelat Domestiku u Vigarju Ġenerali tagħna fostkom".

"Fl-Isqof il-ġdid għandkom taraw dak li l-Ispirtu Qaddis bagħtilkom biex imexxikom fit-triq tas-sema - "Spiritus Sanctus posuit Episcopos regere Ecclesiam Dei" (Atti 20:28). Qisu mela li tqimuh, tobduh, u tħobbuh, kif għamiltu magħna tul l-għoxrin sena li domna Ragħaj u Missier spiritwali tagħkom bħala nsara u li titolbu lil Alla jagħtih l-għajnuna li jeħtieġ bħala Isqof." Din iċ-ċirkulari tispiċċa hekk: "Għal din l-okkażjoni nordnaw li b'att ta' ħajr 'l Alla għal tliet darbiet fil-quddies tingħad il-kolletta "Pro Gratiarum Actione" flok dik "Pro Pluvia" u l-Ħadd 12 ta' Novembru fl-Ave Maria tindaqq mota ta' kwarta bil-qniepen kollha tad-djoċesi. Mikiel Gonzi Arcisqof ta' Malta. Kan. M.A. Xerri Kanċellier."[7]

L-Ittri Apostoliċi li bihom Mons. Ġużeppi Pace ġie magħżul Isqof kien irċivihom Mons. Isqof Mikiel Gonzi fit-2 ta' Frar 1945 u l-għada kienu mibgħuta lill-Kapitlu fl-4 ta' Frar ta' dik is-sena. Fil-5 ta' Frar tal-1945 Mons. Ġużeppi Pace ħareġ l-ewwel ittra Pastorali tiegħu bil-Latin u bil-Malti.[8]

**Konsagrazzjoni Episkopali u Ingress ta' l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace.**

Fit-8 ta' Diċembru 1944 Mons. Ġużeppi Pace għamel l-irtir fil-kunvent tal-patrijiet Kapuċċini fir-Rabat. Wara, fis-17 ta' Diċembru fis-7.30a.m. telaq proċessjonal-ment mill-palazz imwassal mill-Kapitlu Katidrali u Kleru tal-Belt Victoria, ħalli jiġi kkonsagrat Isqof. Hawn ta' min ifakkar li Mons. Ġużeppi Pace huwa l-ewwel Isqof ta' Għawdex li ġie kkonsagrat fil-katidral ta' Għawdex. Iż-żewġ Isqfijiet l-oħra li ħadu sehem fil-konsagrazzjoni episkopali kienu, Mons. Emanweli Galea Isqof ta' Tralles u Mons. Richard Fitz-Gerald, Isqof ta' Ġibiltà. Iċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni mexxieha l-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi (1943-1974).

Il-Ħadd 8 ta' April 1945 Mons. Isqof Ġużeppi Pace għamel l-Ingress Solenni fil-Katidral ta' Għawdex. Dak in-nhar kien twaqqaf ark trijonfali fil-bidu tat-Telgħa tal-Kastell. Il-qassis Dun Fortunatu Cini mix-Xagħra (li kien għadu kemm qaddes u għadu mimli bil-għomor) kien qara l-indirizz ta' merħba lill-Isqof il-ġdid. F'din l-okkażjoni ta' ferħ tqiegħdu kitbiet bil-Latin fuq il-bieb tad-dar tal-familja Azzopardi, Triq ir-Repubblika (Olim Triq it-Tiġrija) minn fejn telaq l-Isqof fuq id-debba, fuq il-bieb tal-Banca Giuratale, u fuq il-Mina l-qadima. F'din l-okkażjoni l-Għawdxin ġew bi ħġarhom ir-Rabat biex jaraw l-ingress ta' l-Isqof il-ġdid Mons. Ġużeppi Pace.[9]

**Il-Ħidma ta' l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace.**

Għawdex kollu bbenefika mill-ħidma ta' l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace. Fi żmien li kien ragħaj tagħna qed dmiru lejn id-djoċesi, ħabbha, u l-parroċċi kollha ħadu wkoll unuri xierqa. Isem l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace ntrabat mad-djoċesi kollha, mas-Seminarju, ma' l-Istituti, u djar ġodda ta' Sorijiet oħra fil-Gżira tagħna, Għawdex. Minħabba l-wisa' ma nistax insemmi l-ħidma twila ta' dan ir-Ragħaj li ħabb lil uliedu kollha.

Fl-omelija tal-funeral ta' Mons. Isqof Ġużeppi Pace fil-Katidral ta' Għawdex, Mons. Isqof Nikol G. Cauchi qal: "Mons. Ġużeppi Pace jixraqlu t-titlu Pawlin "Homo Dei". Fil-konferenzi tiegħu jafas dejjem fuq l-importanza tat-talb. Kellu devozzjoni kbira lejn Ġesù Ewkaristija u lejn il-Madonna. Lill-Madonna kien isemmiha fil-priedki u fl-ittri pastorali. Lilha talab fil-gwaj u fl-inkwiet u kien minn ta' l-ewwel li talab għad-domma ta' l-Assunta. Kien ukoll donnu minħabba l-imħabba lejn San Ġużepp li Alla ried li jmut fl-aħħar tax-xahar iddedikat lilu."[10]

**Devozzjoni lejn il-Madonna**

Fil-11 ta' Ġunju 1945 permezz ta' ċirkulari, Mons. Isqof Ġużeppi Pace, ordna li fit-22 ta' Ġunju ta' kull sena, data li timmarka l-bidu ta' din id-devozzjoni lejn Marija taħt ix-xbieha mirakoluża "Ta'Pinu", jitkanta "Te Deum" ta' ringrazzjament u l-qniepen kollha tad-djoċesi fil-jum stess tal-festa tal-Madonna Ta' Pinu fil-ħin tal-10.30 a.m. għal kwarta żmien jakkompanjaw is-supplika u t-Te Deum li jitkanta fl-istess Bażilika.[11]

Fl-1950 l-Isqof Ġużeppi Pace mexxa l-festi kbar li saru f'Għawdex fl-okkażjoni tal-festi tad-Domma ta' l-Assunzjoni. Billi l-Katidral tad-djoċesi Għawdxija huwa ddedikat lill-misteru tat-Tlugħ fis-sema bir-ruħ u l-ġisem ta' Sidtna Marija, l-Isqof Ġużeppi Pace ma setax ma jsaqsix id-devozzjoni lejn l-Assunta. Iċ-ċirkulari tiegħu ta' l-1 ta' Awissu 1948 tixhed għal dak li qed ngħid, għaliex fiha nsibu miktub: "Nordnaw li fit-30 ta' Lulju tiġi mħabbra l-kwindiċina b'mota ta' kwarta u fl-Ave Marija mill-qniepen kollha tad-djoċesi; fil-jum tal-festa l-knejjes kollha jiġu mżejna; lejlet u nharha l-knejjes kollha u l-istituti ekkleżjastiċi jiġu mdawlin."[12]

B'ċirkulari Nru. 68, Mons. Isqof Ġużeppi Pace kien ħabbar: "Nhar il-Ħadd 27 ta' Jannar 1952 b'ferħ kbir ta' qlubna sejrin ninkurunaw ix-xbieha tant meqjuma tal-Verġni Marija tal-Grazzja, titular tal-Knisja tal-Patrijiet Kapuċċini tal-Belt Victoria".

Din il-ġrajja storika seħħet il-Ħadd 27 ta' Jannar 1952 f'misraħ San Franġisk. Il-purċissjoni Pontifikali bil-kwadru tal-Madonna, ħarġet mill-Katidral fit-3.00p.m. F'misraħ San Franġisk kien sar diskors taċ-ċirkustanza mill-W.R.P. Lett. Timotju, mill-Belt, Segretarju Provinċjal, fejn wara nqraw id-digriet u l-kuntratt. Wara tqiegħdu l-kuruni fuq ir-Ras tal-Bambin u tal-Madonna mill-E.T. Mons. Ġużeppi Pace assistit mill-E.T. Mons. Bernardino Salvatore Re O.F.M. Cap. Isqof ta' Lipari u mill-E.T. Mons. Emanweli Galea D.D.B.Litt. B.L.Can. Vigarju Ġenerali ta' Malta[13]

B'ċirkulari Nru. 91, Mons. Isqof Ġużeppi Pace ħabbar li: "F'din is-Sena Marjana bosta kienu ċ-ċirkustanzi li fihom intom mortu turu b'devozzjoni u l-imħabba tagħkom lill-Verġni Marija Omm Alla bla tebgħa. Minn hawn u ftit ieħor cjoè fl-1 ta' Awissu 1954 ġrajja straordinarja li aħna xtaqna f'din is-sena Marjana sabiex tibqa' tifkira għażiża taċ-ċentinarju u tad-Domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, l-Inkorunazzjoni cjoè tax-xbieha tal-Verġni bla tebgħa meqjuma fis-Santwarju tal-Qala".[14]

Il-Ħadd l-1 ta' Awissu 1954 Mons. Isqof Ġużeppi Pace assistit mill-Isqfijiet Mons. Bonifacio Bertolli Isqof ta' Tripli u l-E.T.

Mons. Teofano Stella Prefett Apostoliku tal-Kuwajt, inkuruna l-kwadru tal-Kunċizzjoni. Niseġ id-diskors tal-okkażjoni Mons. Mikiel Cefai.[15]

Mons. Isqof Ġużeppi Pace b'ċirkulari Nru. 188 maħruġa mill-palazz veskovili fil-festa ta' San Mikiel tal-1966 u ffirmata mill-kanċellier Mons. Ġużeppi Mercieca, għarraf lill-poplu ta' Għawdex li l-Ħadd 16 ta' Ottubru 1966, "Ninkurunaw ix-xbieha devota tal-Madonna tar-Rużarju meqjuma fil-knisja tas-Sorijiet Dumnikani tal-Belt Victoria.[16]

Il-Ħadd 16 ta' Ottubru 1966 fit-3.00p.m. beda l-korteo bil-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju ta' Pompei għall-misraħ Santu Wistin. Id-diskors taċ-ċirkustanza kien għamlu Mons. Arċipriet Mikiel Cefai Prel. Dom. (1944-1976). Dritt wara Mons. Isqof Ġużeppi Pace inkuruna ix-xbiehat tal-Bambin u tal-Madonna. Mons. Isqof Ġużeppi Pace kellu miegħu lil-Mons. Ġorġ Mercieca ( 8-10-1987) kappillan tas-Sorijiet Dumnikani fir-Rabat ta' Għawdex u lil Mons. Ġużeppi Mercieca (illum Arcisqof ta' Malta).[17]

## L-Għaqda taż-Żewġ Parroċċi tar-Rabat ta' Għawdex

F'din il-kitba dwar Mons. Ġużeppi Pace ma nistgħux inħallu barra li niktbu xi ħaġa żgħira dwar l-"Għaqda ta' dawn iż-żewġ Parroċċi qodma tar-Rabat" li kien Mons. Isqof Ġużeppi Pace li firidhom minn xulxin u llum għandhom it-tnejn Arċipriet għalihom. B'hekk ikollna mmorru lura fuq tliet sekli ilu u nagħtu daqqa t'għajn ħafifa fuq dak li ġara meta saret il-Għaqda ta' dawn iż-żewġ Parroċċi.

L-amministrazzjoni tas-Sagramenti kienet qiegħda toħloq problema gravi. Fejn il-limiti ma kienux ċari, il-magħmudija daqqa kienet issir f'parroċċa u daqqa f'oħra, skond kif jagħżlu l-ġenituri tat-tarbija. Dan seta' jingħad anki għaż-żwiġijiet, għall-qrar, u għall-affarijiet l-oħrajn.

L-ilment ta' l-Arċipriet tal-Maltriċi kien ukoll dwar in-nuqqas ta' fidili li kienu jmorru l-Parroċċa tiegħu. Hu qal li s-sudditi tiegħu kienu mxerrdin mal-gżira. Dan ġab miegħu li, nhar ta' Ħadd u fil-Festi, l-poplu tar-Rabat iktar kien isibha komda li jmur għall-Quddiesa San Ġorġ milli fil-Matriċi. Hu qal li dan ġab miegħu bħala konsegwenza li l-Arcipriet ma setax jagħtihom it-tagħlim meħtieġ. Għalhekk fil-fehma tiegħu, ma kienx hemm ħlief soluzzjoni waħda, dik li ż-żewġ parroċċi jingħaqdu flimkien."[18]

Dak li ma sarx fi żmien Cagliares kellu jsir iżjed minn ħamsin sena wara mill-Isqof David Cocco Palmeri Imma, għalkemm l-Isqof ried li ssir dik l-għaqda, ir-relazzjoni tgħid b'kelmiet ċari "LI SAN ĠORĠ MA KELLU JITLEF XEJN MID-DINJITÀ TIEGĦU BĦALA PARROĊĊA."[19]

Meta twaqqfu l-erba' parroċċi ġodda bid-digriet maħruġ fit-28 ta' April 1688, dawn l-erba' parroċċi gawdew minn SAN ĠORĠ. "Imma l-beni mmobbli tal-parroċċa ta' San Ġorġ ma kienux sejrin jaqgħu f'idejn l-Arċipriet tal-Matriċi. Dawn il-beni kellhom jaqgħu f'idejn l-Isqof sabiex hu jqassamhom bejn il-parroċċi l-ġodda li kienu sejrin jitwaqqfu".[20]

## Silta mid-Digriet ta' l-Għaqda taż-Żewġ Parroċċi tat-28 ta' April 1688.

Silta mid-Digriet ta' l-għaqda taż-żewġ parroċċi tgħid hekk bil-Latin: "Et ne per hujusmodi dismembrationem sive verius disunctionem, separationem et divisionem... ipsa Matrix Ecclesia Collegiata eiusque Achipresbyteratus detrimentum aliquod patiatur... loco ipsarum quattuor regionum sive contratarum in parochias sic noviter erect,.... PAROCHIALEM SANCTI GEORGI PAROCHIALITATIS TAMEN STATU PROUT IN PRESSENTIARUM REPERITUR FIRMO SEMPER REMANENTE EOQUE MINIMO SUPPRESSO NEC IMMUTATO UNICO CONTESTU, eidem Archipresbyteratui Matricis Ecclesiae unimus."

Din is-silta mid-digriet tal-għaqda li għadna kemm ktibna iktar 'il fuq, tgħid hekk: "B'din il-għaqda l-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ KELLHA TIBQA' GĦAŻ-ŻMIEN ĠEJJIENI FL-ISTAT ATTWALI TAGĦHA TA' PARROĊĊA KIF KIENET SA DAK IN-NHAR MINGĦAJR EBDA NUQQAS JEW TIBDIL FL-ISTAT PARROKKJALI TAGĦHA".[21]

## Żball ta' min jikkoreġieh.

Li kieku l-istorjografu l-Konti Gio. Anton

Ciantar (1696-1778) qara d-digriet ta' l-għaqda taż-żewġ parroċċi tat-28 ta' April 1688 fil-folio 4, ma kienx jiżbalja li jikteb: "Chiesa di S. Giorgio Parrocchiale, oggi Vice-Parrocchiale de Rabato, o vogliam dire borgo del Castello" - bil-Malti: "Knisja ta' San Ġorġ Parroċċa, illum Viċi-Parrokkjali tar-Rabat subborg tal-Kastell."[22]

L-istess żball għamel l-istorjografu Achille Ferres (1839-1907) meta kkopja lill-Konti Gio. Anton Ciantar meta kiteb fuq il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ u qal: "Questa Chiesa porta il titolo di parrocchiale, ma strettamente parlando e' Vice-parrocchiale". Bil-Malti: "Din il-Knisja ġġib it-titlu ta' parroċċa, imma fil-fatt hija Viċi-parrokkjali".

Dan l-istess kittieb (Achille Ferres) meta kiteb fuq il-Kappella ta' San Ġużepp ( tas-Suq li nħattet fl-1959) kiteb hekk: "Essa fu' eretta sul luogo istesso, ove anticamente esistevano due chiesine contigue, figliali della Chiesa Parrocchiale di San Giorgio". Bil-Malti: "Din il-Knisja (ta' San Ġużepp) kienet inbniet fuq l-istess post fejn fil-qedem kien hemm żewġ knejjes żgħar, filjali tal-Parroċċa ta' San Ġorġ".[23]

L-iżball tal-Konti Gio. Anton Ciantar (maqlugħ minnu) u kkupjat minn Achille Ferres, kompla jirrepetieh mingħajr ma ra d-digriet tal-għaqda taż-żewġ parroċċi, l-Baruni Sir V. Azzopardi (1783-1857) Dan kiteb: "Nel Rabbato. La sua Chiesa e' Vice Parrochiale della Matrice, ed e' sotto il titolo di S. Giorgio". Bil-Malti: "Fir-Rabat. Il-Knisja tiegħu hija Viċi-Parrokkjali tal-Matriċi, u hija taħt l-isem ta' S. Ġorġ".[24]

Dawn it-tliet storjografi li semmejt ( warajhom oħrajn) il-kelma "VIĊI" quddiem "Parrokkjali" hija "FINTA" u taqa' weħidha bil-kelmiet ċari li ġibt iktar 'il quddiem mis-silta tad-digriet tal-għaqda taż-żewġ parroċċi tat-28 ta' April tal-1688. Dan id-digriet ma jsemmi "QATT" il-kelma Viċi-parroċċa. Hija qlajja' tal-Konti Gio. Anton Ciantar u ta' dawk li b'għajnejhom magħluqin ikkupjawh mingħajr qatt ma għamlu riċerka u raw x'hemm miktub fid-digriet tal-għaqda taż-żewġ parroċċi qodma tar-Rabat.

Barra minn hekk fl-ebda Vista Pastorali li saret lill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ (wara l-għaqda taż-żewġ parroċċi) ma ssib il-kelma "VIĊI" quddiem parroċċa.

Biex nagħti prova konkreta dwar il-Parrokkjalità "INTATTA" tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ sa nislet il-kelmiet preċiżi mit-tieni vista Pastorali ta' l-Isqof David Cocco Palmeri (li fi żmienu saret l-għaqda taż-żewġ parroċċi) li għamel fit-2 ta' Mejju 1698, it-tnejn tar-Rogazzjoni fil-għodu fejn hemm miktub bil-Latin dawn il-kelmiet: "Visitatio PAROCHIALIS ECCLESIA sub titulo sancti Georgii Martiris sub urbi insulae Gaudisii". Bil-Malti: "Il-Vista lill-Knisja Parrokkjali taħt l-isem ta' San Ġorġ Martri fis-subborg fil-gżira ta' Għawdex".[25]

"Ikun storiku qarrieq min jivvinta titli bla ma jkollu bażi storika għalihom".[26]

**Mons. Isqof Ġużeppi Pace jifred liż-Żewġ Parroċċi.**

Bid-digriet ta' l-Isqof Pace li jibda bil-kelmiet: "Cum hodiernis temporibus paroecialia munia valde sint aucta.... paroecialem ecclesiam Sancti Georgii Martyris Nostrae Cathedrali Ecclesiae, declaramus auctoritate Nostra antedictam Ecclesiam Paroecialem omnino ex nunc seiunctam ac indipendentem existere ab Ecclesia Cathedrali". "F'dawn il-kelmiet insibu li l-parroċċa ta' San Ġorġ ġiet magħżula mill-Parroċċa tal-Katidral. Dan id-digriet kien maħruġ fl-1 ta' Awissu 1955 mill-palazz ta' l-Isqof f'Victoria".

L-imsemmi digriet isemmi li, din il-fakultà ġiet permezz ta' Reskritt tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilji tas-7 ta' Ġunju 1955.[27]

Mis-sena 1688 sas-sena 1976 iż-żewġ parroċċi tar-Rabat kienu mmexxija mill-Arċipriet tal-Matriċi li kien il-Kappillan ta' San Ġorġ. L-aħħar Arċipriet u Kappillan li mexxa lil dawn iż-żewġ parroċċi kien Mons. Mikiel Cefai Prel. Dom. (1944-1976). Wara kien sar Vigarju Ġenerali ta' Għawdex fejn miet fl-1 ta' Diċembru 1981.

Mons. Isqof Ġużeppi Pace minn meta sar Isqof ta' Għawdex fl-1944, kompla jmexxi ta' kull sena l-festi solenni ta' San Ġorġ bil-quddiesa pontifikali.

Mons. Isqof Ġużeppi Pace fuq talba tal-kleru tal-Parroċċa ta' San Ġorġ u l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai Prel. Dom. u l-Kumitat tal-

Banda "La Stella" li sa mis-sena 1882 għandu f'idejh il-festi esterni ta' San Ġorġ, li ttrasferixxa l-festa ta' San Ġorġ mir-raba' Ħadd ta' fuq l-Għid il-Kbir għat-tielet Ħadd ta' Lulju. L-ewwel festa ta' San Ġorġ fit-tielet Ħadd ta' Lulju kienet saret fid-19 ta' Lulju 1953. Il-paniġierku kien għamlu Mons. Arċipriet Mikiel Cefai u kien tela' jippriedka fuq il-pupltu bil-kappa.[28]

Fuq talba ta' l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace "Il-Veneranda" Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ imwaqqfa dejjem fil-qalba tar-Rabat (Il-Borgo l-Qadim) ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika Minuri. Id-digriet tal-Bażilika jġib id-data tas-6 ta' Settembru 1958. Ġie mogħti f'Kastell Gandolfo bis-siġill tal-Papa Piju XII fl-20 sena tal-Pontifikalt Tiegħu.

Dan id-dokument jikkonferma l-meriti speċjali li waslu lil din il-Parroċċa Antika għad-dinjità għolja ta' Bażilika.

L-aħbar lill-parruċċani ta' San Ġorġ kienet ixxandret nhar il-Ħadd 5 ta' Ottubru 1958 mill-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai Prel. Dom. (1944-1976) minn fuq il-presbiterju tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ.[29]

**L-Aħħar Snin ta' l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace u l-Mewt Tiegħu.**

Mons. Isqof Ġużeppi Pace kien ħa sehem fil-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II fil-11 ta' Ottubru 1962 kif ukoll fis-sezzjonijiet kollha li saru wara. Kien ukoll Mons. Isqof Ġużeppi Pace li mit-2 sad-9 ta' Mejju 1965 iċċelebra l-ewwel ċentinarju tad-Djoċesi ta' Għawdex.[30]

Fl-aħħar pastorali tiegħu spjegalna tajjeb il-Fidi minn kull lat tagħha, u ħeġġiġna nnislu fina spirtu ta' vera penitenza fir-Randan Imqaddes.[31]

Fis-26 ta' Diċembru tal-1971 Mons. Isqof Ġużeppi Pace ħassu ħażin, u fit-28 ta' l-istess xahar wara nofs in-nhar, Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa l-Vjatku solenni mill-Katidral għall-palazz tiegħu. Fit-tliet xhur li dam marid inaqqas dejjem bil-mod il-mod, daqqitlu għal tliet darbiet l-agunija mill-Katidral u mill-Bażilika ta' San Ġorġ, kif ukoll minn Parroċċi oħra.

L-Isqof Mons. Ġużeppi Pace miet nhar il-Ġimgħa l-Kbira tal-31 ta' Marzu tal-1972 fit-3.15a.m. Huwa l-ewwel Isqof li miet fil-Palazz Veskovili fi Triq ir-Repubblika. Miet fl-għomor ta' 81 sena u 10 xhur.[32]

Eluf ta' nies marru tawh l-aħħar tislima matul it-tlitt ijiem li hu dam espost fil-palazz. Nhar it-Tnejn fil-għodu hu ttieħed fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Hemm saret ċelebrazzjoni tal-kelma t'Alla u orazzjoni funebri mill-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai. Aktar tard il-katavru tiegħu reġa' ttieħed fil-palazz veskovili. Folol kbar ta' nies attendew għal dan it-trasferiment.[33]

Il-funeral solenni ta' Mons. Isqof Ġużeppi Pace kien sar mill-Palazz għall-Knisja Katidrali. Kien ħa sehem il-Kapitlu tal-Katidral u persuni oħra magħrufa. Il-quddiesa solenni pontifikali "Praesente cadavere" kien mexxiha l-Isqof Mons. Nikol G. Cauchi flimkien ma' l-isqfijiet l-oħra, il-Kapitlu Katidrali, Provinċjal tal-Ordnijiet Reliġjużi u Saċerdoti oħra.

Mons. Isqof Ġużeppi Pace jinsab midfun fil-Kappella tas-Sagrament fil-Knisja Katidrali fejn kien ħejja qabar għalih stess.

**Riferenzi:**

1 Arkivju Bażilika San Ġorġ. Liber Bapt. Par.li. Eccl. S.ti. Georgii M. Parte 1879-1890), p.418.

2 Kan. Dun N. Vella Apap, Storja tal-Knisja f'Għawdex, MS., Vol, I, p. 142.

3 L-Istess, Op. Cit., p.142.

4 L-Istess, Op. Cit., p. 142, 143.

5 L-Istess, Op. Cit., p. 143.

6 L-Istess, Op. Cit., p.143.

7 L-Istess, Op. Cit., p. 143, 144, 145.

8 L-Istess, Op. Cit., p. 146.

9 Il-Ħajja f'Għawdex, Ħarġa Speċjali, April 1972, Il-Ħajja ta' Mons. Isqof Ġużeppi Pace, Kitba ta' Dun Nikol Vella Apap, p.20.

10 L-Istess, Siltiet mill-Omelija ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi, p.23.

11 L-Istess, Id-Devozzjoni Marjana fl-Episkopat ta' Mons. Ġużeppi Pace, kitba ta' Mons. C. Xicluna Vigarju Kurat tal-Katidral, p.10.

12 L-Istess, Il-Ħajja f'Għawdex, Ħarġa Speċjali, April 1972, p.12.

13 Is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f'Għawdex fl-Okkażjoni ta' l-Inkoronazzjoni tal-Kwadru Titulari, Programm, Jum l-Inkoronazzjoni Il-Ħadd 27 ta' Jannar 1952.

14 Is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Qala fl-Okkażjoni ta' l-Inkoronazzjoni Solenni tal-Kwadru Titulari, 1954.

15 A. BUTTIGIEG P.E.P., il-Qala fl-Okkażjoni tal-Festi Solenni ta' San Ġużepp u ta' l-Inkoronazzjoni Solenni tal-Kwadru Titulari mill-Kardinal Giovanni

Colombo Arcisqof ta' Milan, 1971, pp. 32, 33.

16 Arkivju Kurja ta' l-Isqof Rabat Għawdex, "Ċirkularijiet ta' Mons. Isqof Ġużeppi Pace, Nru. 188.

17 Kan. Dun N. Vella Apap, Ġrajjiet mill-Imgħoddi, MS., pp. 74, 75.

18 A. Bonnici O.F.M. Conv., Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex, 1975, p.85.

19 L-Istess, Op. Cit., p.86.

20 A. Bonnici O.F.M. Conv., In-Nadur, Vol. I, p.102.

21 Digriet dwar it-Twaqqif ta' l-Erba' Parroċċi tas-Sena 1688. (Nota: l-awtur ta' dan l-artiklu għandu foto kopja tiegħu).

22 Conte Gio. Anton Ciantar, Malta Illustrata, Libro III, Not. IV, p.235.

23 A. Ferres, Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo, 1866, pp. 552, 561.

24 Barone V. Azzopardi, Raccolta di Varie Cose Antiche e Moderne Utili ed Interessanti Riguardanti Malta e Gozo, 1843, p.157.

25 AAM., VP., Cocco Palmeri.

26 A.F. Attard, Achille Ferres dwar il-Knejjes, Kunventi u Istituzzjonijiet oħra tar-Rabat ta' Għawdex fl-1866, Daħla p. II, Programm ta' Santa Marija Rabat-Għawdex, 1989, Nru. 10.

27 Kan. Dun N. Vella Apap, Storja tal-Knisja f'Għawdex, MS., Vol. III, pp. 56, 57, 58.

28, L-Istess, Op. Cit., Vol. III, pp. 157, 158.

29 Leħen il-Belt Vittorja, Frar 1959, Nru. 18, It-Tieni Sena p.1, u l-Ħarġa Speċjali "BAŻILIKA" "Leħen il-Belt Vittorja", Diċembru-Jannar 1959, Nru. 19-20, p.3.

30 J. Bezzina, Mons. Isqof Ġużeppi Pace, Il-Ħajja f'Għawdex, Ħarġa Speċjali, April 1972, p.15.

31 L-Istess, Op. Cit., p.25.

32 Il-Ħajja f'Għawdex, Ħarġa Speċjali, April 1972, Il-Ħajja ta' l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace, kitba ta' Dun Nikol Vella Apap, p. 25.

33 L-Istess, Op. Cit., Funeral Impressjonanti, p.10.

## Lil SAN ĠORĠ MEGALOMARTI

### Titular tal-Bażilika-Kolleġġjata

### fir-Rabat ta' Għawdex

### *nhar il-Festa Tiegħu 15 ta' Lulju 1990*

Insellmulek, Ġorġi tagħna.
Qaddis fost il-Martri l-kbar,
Fejn jitlissen l-isem Tiegħek,
Jiddi d-dawl u jtir iċ-ċpar.

Ismek huwa melodija,
Meta joħroġ minn ġol-fomm,
Bl-isbaħ noti kien imsawwar,
U bħal innu dlonk idomm.

Fih tifsira l-iżjed kbira,
L-isem ĠORĠI wisq meqjum,
Żgur mis-sema niżel fostna,
Ħalli jħollna minn kull djun.

L-għadu jħarrab San Ġorġ dejjem
Kemm tal-ġisem, kemm tar-ruħ,
Hemm ġrajjiet jitkellmu sewwa,
Meta xtered demm u dmugħ!

Min iqalleb qalb l-istorja
Jara kemm Inti maħbub,
Xhieda huma bliet u rħula
L-isem Tiegħek wisq mitlub.

Is-snin twal Int ilek magħna,
Kabbru dejjem qima lejk,
Fik raw STILLA ta' qdusija,
Imxenqin li ħiġu ħdejk.

Agħmel mela Mqaddes ĠORĠI,
Illi tisma' dejjem talbna,
Ħalli meta lkoll immutu
Inti tkun l-għaxqa ta' qalbna.

**Kan. Dun Nikol Vella Apap**
**23 ta' April 1990**